VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 205 tal-2015

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

Ordni tal-2015 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Ordni Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 tal-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2015 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Ordni Nru. 3).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artikolu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet tal-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mit-18 ta' Mejju, 2015.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Blokk, magħruf bħala Blokk B, li jikkonsisti f'disa' *flats*, li minnhom wieħed qed jiġi eskluż mit-trasferiment

VERŻJONI ELETTRONIKA

minħabba li kien diġà trasferit b'avviż legali preċedenti, fi Triq Fuq tal-Ħawli, Birgu. Dan il-blokk imiss mill-Grigal ma' Triq San Dwardu, mill-Majjistral ma' Triq Fuq tal-Ħawli u mil-Lbiċ ma triq pubblika. Il-*flat* enumerat 1 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 69174 u l-*flats* enumerati 3 sa 9 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 69176 sa 69182. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 51054 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block B" fuq il-pjanta P.D. 78_80_22. (HAA 10/2015).

(2) Blokk, magħruf bħala Blokk A3, li jikkonsisti f'sitt *flats* li jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 72809 sa 72814, fi Triq Mater Boni Consiglii, Fgura. Dan il-blokk imiss mill-Grigal u mill-Majjistral ma' spazju miftuħ u mil-Lbiċ parti ma' Triq Mater Boni Consiglii u parti ma' proprjetà tal-Gvern u jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 229/95 datat 19 ta' Settembru 1995 fl-atti tan-Nutar V. Miceli, b'Kuntratt Nru. 59/80 datat 9 t'April 1980 fl-atti tan-Nutar A. Grech u bid-Dikjarazzjoni tal-President Nru. 1014/2003. Il-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Blokk A3" fuq il-pjanta P.D. Nru. 151_83_8. (HAA12/2014).

(3) Tliet blokkijiet, magħrufa bħala Blokkijiet F, G u H f'tar-Rabbat, Ħamrun u dawn il-blokkijiet imissu mill-Grigal, mix-Xlokk u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern. Dawn il-blokkijiet jinsabu fuq proprjetà tal-Gvern akwistata b'Kuntratt Nru. 10/95 datat 1 ta' Frar 1995 fl-atti tan-Nutar V. Miceli u bid-Dikjarazzjoni tal-President Nru. 116 datat 3 ta' Frar 2005 u jinsabu delineati bl-aħmar u mmarkati "Blokk F", "Blokk G" u "Blokk H" fuq il-pjanta P.D. 95_81_21 kif ġej:

(a) Blokk F jikkonsisti fi tmien *flats*, li minnhom wieħed qed jiġi eskluż mit-trasferiment minħabba li kien diġà trasferit b'avviż legali preċedenti. Il-*flats* enumerati 1 sa 4 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 66855 sa 66858 u l-*flats* enumerati 6 sa 8 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 66860 sa 66862;

(b) Blokk G jikkonsisti f'erba' *flats*, li minnhom wieħed qed jiġi eskluż mit-trasferiment minħabba li kien diġà trasferit b'avviż legali preċedenti. Il-*flats* 1 u 2 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 67229 u 67230 rispettivament u l-*flat* enumerat 4 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 67232; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(c) Blokk H jikkonsisti fi tmien *flats* reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 66863 sa 66870. (HAA166/2014, HAA 215/2013, HAA 216/2013).

(4) Blokk, magħruf bħala Blokk 8, li jikkonsisti f'erbat idjar reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 63560 sa 63563, fi Triq il-Miġja tal-Papa u Triq Dun Karm Azzopardi, Isla. Dan il-blokk imiss mill-Majjistral ma' Triq il-Kuncizzjoni, mil-Lbiċ ma' Triq Dun Karm Azzopardi u mill-Grigal ma' Triq il-Miġja tal-Papa. Il-blokk sħiħ jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bid-Dikjarazzjoni tal-President Nru. 65 datat 23 ta' Jannar, 2012 u jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2015_0377. (HAA 9/2015).

(5) Blokk, magħruf bħala Blokk A3, li jikkonsisti f'sitt *flats*, li minnhom erbgħa qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq il-Gżari, Mosta. Dan il-blokk imiss mill-Punent ma' Triq il-Gżari, mit-Tramuntana ma' Triq it-Trinċetta u min-Nofsinhar minn passaġġ pubbliku. Il-*flats* enumerati 3 u 4 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 70778 u 70779 rispettivament. Il-blokk sħiħ jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 6/75 u b'Kuntratt Nru. 7/75 it-tnejn datati 15 ta' Jannar 1975 fl-atti tan-Nutar A. Grech u jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Blokk A3" fuq il-pjanta P.D. 203_80_21. (HAA 157/2014).

(6) Blokk, magħruf bħala Blokk F3, li jikkonsisti f'sitt *flats*, li minnhom tlieta qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq in-Nasba, Mosta. Dan il-blokk imiss mill-Grigal ma' Triq it-Trinċetta, mill-Majjistral ma' Triq in-Nasba u mix-Xlokk ma' passaġġ pubbliku. Il-*flat* enumerat 1 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 71492 u l-*flats* enumerati 5 u 6 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 71496 u 71497 rispettivament. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 7/75 datat 15 ta' Jannar 1975 fl-atti tan-Nutar A. Grech u jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block F3" fuq il-pjanta P.D. 203_80_20. (HAA 131/2014).

(7) Blokk, magħruf bħala Blokk A, Sezzjoni 1 u 2 li jikkonsisti fi tmintax-il *flat*, li minnhom sitta qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, fil-Qasam Ħal Dmikki, Għaxaq. Dan il-blokk imiss mill-Punent ma' Triq il-Miksur, mit-Tramuntana ma' Triq id-Dejl u min-Nofsinhar ma' passaġġ pubbliku. Il-*flats* enumerati 1 u 3 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri

VERŻJONI ELETTRONIKA

69434 u 69436 rispettivament, il-*flats* enumerati 6 sa 8 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 69439 sa 69441, il-*flats* enumerati 10 u 11 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 69443 u 69444 rispettivament, il-*flats* enumerati 13 sa 16 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 69446 sa 69449, u l-*flat* enumerat 18 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 69451. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 175/79/G datat 15 ta' Settembru 1979 fl-atti tan-Nutar A. Grech u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block A" fuq il-pjanta P.D. 66_78_11. (HAA 68/2014, HAA 69/2014).

(8) Blokk, magħruf bħala Blokk C, Sezzjoni 1 u 2 li jikkonsisti fi tmintax-il *flat*, li minnhom tmienja qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, fil-Qasam Ħal Dmikki, Għaxaq. Dan il-blokk imiss mill-Punent ma' spazju miftuħ pubbliku, mit-Tramuntana ma' Triq id-Dejl u min-Nofsinhar ma' Triq ir-Rebbiegħa. Il-*flats* enumerati 2 u 3 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 69472 u 69473 rispettivament, il-*flats* enumerati 5 sa 9 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 69475 sa 69479, il-*flats* enumerati 11 u 12 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 69481 u 69482 rispettivament u l-*flat* enumerat 18 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 69488. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 175/79/G datat 15 ta' Settembru 1979 fl-atti tan-Nutar A. Grech u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block C" fuq il-pjanta P.D. 2015_0203. (HAA 70/2014, HAA 200/2013).

(9) Blokk, magħruf bħala Blokk 5, Entraturi A, B u D, f'Misraħ Lewża, San Ġwann u jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 209 datat 10 ta' Settembu, 1962 fl-atti tan-Nutar A. Grech u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2011_873_1, kif ġej:

(a) Entratura A tikkonsisti fi tmien *flats*, li minnhom tlieta qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, u tmiss mill-Grigal ma' Triq ir-Rihan, mil-Lbiċ ma' Misraħ Lewża u mix-Xlokk ma' Triq Felič Borg. Il-*flats* enumerati 1, 3 u 5 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 66254, 66256 u 66258 rispettivament u l-*flats* enumerati 7 u 8 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 66260 u 66261 rispettivament;

(b) Entratura B tikkonsisti fi tmien *flats* u

VERŻJONI ELETTRONIKA

washroom u tmiss mill-Grigal ma' Triq ir-Rihan, u mill-Majjistral ma' proprjetà tal-Awtorità tad-Djar jew tas-suċċessuri tagħha fit-titolu u mil-Lbiċ ma' Misraħ Lewża. Il-*flats* enumerati 1 sa 8 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 66262 sa 66269 u l-*washroom* jinsab reġistrat bħala Tenement Nru. E20397; u

(ċ) Entratura D tikkonsisti fi tmien *flats* u żewġ siti, li minnhom tliet *flats* u sit wieħed qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, u tmiss mil-Lvant ma' Triq il-Ġibjun, mill-Grigal ma' proprjetà tal-Awtorità tad-Djar jew tas-suċċessuri tagħha fit-titolu u mix-Xlokk ma' Misraħ Lewża. Il-*flats* enumerati 2 u 4 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* enumerati 66279 u 66281 rispettivament, il-*flats* enumerati 6 sa 8 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 66283 sa 66285 u s-Sit C jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 52046. (HAA 77/2013 HAA 78/2012, HAA 157/2011).

(10) Blokk, magħruf bħala Blokk Q jikkonsisti f'sitt *flats*, li minnhom tlieta qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq l-Anzalor, Santa Luċija. Dan il-blokk imiss mix-Xlokk ma' Triq il-Fuxa, u mill-Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern u mil-Lbiċ ma' Triq l-Anzalor. Il-*flats* enumerati 2 u 3 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 70871 u 70872 rispettivament u l-*flat* enumerat 6 jinsab reġistrat ma-Gvern bħala Tenement Nru. 70875. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 87/77 datat 16 t'Awwissu 1977 u b'Kuntratt Nru. 86/74 datat 16 t'Awwissu 1977, it-tnejn fl-atti tan-Nutar A. Attard u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block Q" fuq il-pjanta P.D. 11_82_122. (HAA 40/2014).

(11) Blokk, magħruf bħala Blokk S jikkonsisti f'sitt *flats*, li minnhom wieħed qed jiġi eskluż mit-trasferiment minħabba li kien diġà trasferit b'avviż legali preċedenti, fi Triq Katerina Vitale, Santa Luċija. Dan il-blokk imiss mill-Majjistral ma' Triq Katerina Vitale, mix-Xlokk u mill-Grigal ma' passaġġi pubbliċi. Il-*flat* enumerat 1 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 70876 u l-*flats* enumerati 3 sa 6 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 70878 sa 70881. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 87/77 datat 16 t' Awwissu 1977 u b'Kuntratt Nru. 556/74 datat 16 t'Awwissu 1974, it-tnejn fl-atti tan-Nutar A. Attard u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block S" fuq il-pjanta

VERŻJONI ELETTRONIKA

11_82_123. (HAA 38/2014).

(12) Dar bin-numru 17, Triq il-Werżieq, Żabbar (Tenement Nru. 70837 - HAA 141/2014).

(13) Tliet blokkijiet, magħrufa bħala Blokkijiet C1, C2 u C3 fi Triq Ġanni Bonnici, Triq Dun Luret Callus u Triq Dun Nerik Sant, Żebbuġ u dawn il-blokkijiet jinsabu fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 276/96 datat 18 ta' Diċembru 1996 fl-atti tan-Nutar V. Miceli u jinsabu delineati bl-aħmar u mmarkati "Block C1", "Block C2" u "Block C3" fuq il-pjanta P.D. 2014_72, kif ġej:

(a) Blokk C1 jikkonsisti f'sitt *flats* reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 73480 sa 73485 u jmiss mill-Majjistral u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern u mil-Lbiċ parti ma' proprjetà tal-Gvern u parti ma' passaġġ pubbliku fi Triq Ġanni Bonnici;

(b) Blokk C2 jikkonsisti f'sitt *flats* reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 73486 sa 73491 u jmiss mix-Xlokk ma' passaġġ pubbliku, mill-Majjistral ma' Triq Ġanni Bonnici u mill-Grigal ma' Triq Dun Luret Callus; u

(ċ) Blokk C3 jikkonsisti f'sitt *flats*, li minnhom wieħed qed jiġi eskluż mit-trasferiment minħabba li kien diġà trasferit b'avviż legali preċedenti. Dan il-blokk imiss mill-Majjistral u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Grigal parti ma' proprjetà tal-Gvern u parti ma' passaġġ pubbliku fi Triq Nerik Sant. Il-*flats* enumerati 1 sa 5 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 73492 sa 73496. (HAA 70/2013, HAA 145/2013, HAA 146/2013).

(14) Żewġ blokkijiet, magħrufa bħala Blokkijiet A u B li jikkonsistu fi tnax-il *flat*, li minnhom tnejn qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq Xandru D'Amato, Żurrieq. Dawn il-blokkijiet imissu mill-Grigal ma' Triq Xandru D'Amato u mil-Lbiċ u mill-Majjistral ma' passaġġi pubbliċi. Il-*flats* enumerati 2 u 3 fi Blokk A jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 70354 u 70355 rispettivament, il-*flats* enumerati 5 u 6 fi Blokk A jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 70357 u 70358 u l-*flats* enumerati 7 sa 12 fi Blokk B jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 70359 sa 70364. Dawn il-blokkijiet jinsabu fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 50813 u jinsabu

VERŻJONI ELETTRONIKA

delineati bl-aħmar u mmarkati "Block A" u "Block B" fuq il-pjanta P.D. 67_93_7. (HAA136/2014, HAA138/2014).

(15) Żewġ blokkijiet, magħrufa bħala Blokkijiet C u D li jikkonsistu fi tnax-il *flat*, li minnhom wieħed qed jiġi eskluż mit-trasferiment minħabba li kien diġà trasferit b'avviż legali preċedenti, fi Triq Xandru D'Amato, Żurrieq. Dawn il-blokkijiet imissu mil-Lbiċ ma' Triq Wied Babu u mill-Grigal u mill-Majjistral ma' passaġġi pubbliċi. Il-*flats* enumerati 1 sa 3 fi Blokk C jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 69422 sa 69424, il-*flats* enumerati 5 u 6 fi Blokk C jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 69426 u 69427 rispettivament u l-*flats* enumerati 7 sa 12 fi Blokk D jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 69428 sa 69433. Dawn il-blokkijiet jinsabu fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 50813 u jinsabu delineati bl-aħmar u mmarkati "Block C" and "Block D" fuq il-pjanta P.D. 67_93_8. (HAA 137/2014, HAA 139/2014).

(16) Blokk, magħruf bħala Blokk D li jikkonsisti fi tmien *flats* reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri Z60331 sa Z60338 fi Triq iċ-Ċawla, Rabat, Għawdex. Dan il-blokk imiss minn kull naħa ma' passaġġi pubbliċi u jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet reġistrata bħala parti minn Tenement Nru. 80040 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block D" fuq il-pjanta P.D. 2014_886. (HAA 10/2013).

(17) Blokk, magħruf bħala Blokk IA li jikkonsisti fi tmien *flats*, li minnhom wieħed qed jiġi eskluż mit-trasferiment minħabba li kien diġà trasferit b'avviż legali preċedenti, fi Triq iċ-Ċawla, Rabat, Għawdex. Dan il-blokk imiss min-Nofsinhar u mill-Punent ma' triq pubblika u mit-Tramuntana ma' passaġġ pubbliku. Il-*flats* enumerati 1 sa 7 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri Z60551 sa Z60557. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet reġistrata bħala parti minn Tenement Nru. 80038 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block IA" fuq il-pjanta P.D. 203_85_10. (HAA 129/2014).